MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-9 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 180/2009

Manwel Fava
vs
Water Services Corporation u Dimbros Limited

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrent li bih espona:

Illi r-rikorrenti huwa l-proprjetarju tal-hanut Fairways Rent-a-Car li jinsab fi Triq Sant’Anna, il-Mellieha;

Illi matul ix-xahar ta' Settembru 2008, Ottubru 2008, l-intimati socjetajiet ghamlu xoghol fi Triq Sant'Anna, il-Mellieha fost l-ohrajn u li per konsegwenza ta’ dawn ix-xogholijiet li kienu jikkonsistu fi thaffir fi Triq Sant’Anna saret hsara fil-hanut tar-rikorrenti meta saru l-kanali bit-*trencher* wara l-hajt ta’ l-istess hanut tar-rikorrenti;

Illi per konsegwenza ta’ dan ix-xoghol dahal hafna ilma ta’ wara tal-hanut liema ilma beda jiskula wkoll u jcarcar minn taht is-saqaf tal-hitan ta’ wara u fuq in-naha tal-lemin tal-hanut, fejn l-armar u l-merkanzija tal-hanut ixxarrbet u saret hsara kbira;

Illi sal-granet recenti wara li ghamlu dawn l-ilmijiet f’Malta, l-ilma ghadu jidhol fil-hanut regolarment kull darba li taghmel ix-xita;

Illi minhabba dawn il-hsarat il-hanut tar-rikorrent ilu wieqaf mix-xoghol normali ghal diversi gimghat u ma jistax jopera sakemm isir ix-xoghol mehtieg, in partikolari x-xoghol ta’ sigillar, ta’ *waterproofing* tal-hanut inkluz id-dawra tieghu u s-saqaf;

Illi r-rikorrenti talab lis-socjetajiet intimati biex ihallsu d-danni li lahqu ikkawzaw sax-xahar ta' Novembru 2008 u li dawn irrifjutaw li jhallsu ghalkemm interpellati b’ittri legali u peress li fl-ahhar korrispondenza tas-socjeta` intimata Water Services Corporation, ir-rikorrent gie infurmat li dwar id-danni li ghandu ikkawzati, it-talba tieghu qieghdha tigi kunsidrata mill-ufficcju legali tas-socjeta` intimata Water Services Corporation;

Illi peress illi s-sitwazzjoni baqghet l-istess kellha ssir din il-kawza aktar u aktar meta l-Perit Arkitett Ronald Muscat Azzopardi iddeskriva l-hsarat illi huma ta’ urgenza immedjata biex wiehed jevita aktar hsarat;

Ir-rikorrent talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara lill-intimati jew min minnhom huma responsabbli ghad-danni kawzati fil-hanut Fairways Rent-a-Car proprjeta` tar-rikorrent;

2. Tillikwida d-danni hekk sofferti mir-rikorrenti li jinkludi kemm hsarat strutturali u fis-sistemi kollha ta’ l-elettriku u mobbli, kif ukoll danni tan-nuqqas ta’ uzu ta’ l-istess hanut minhabba d-danni kawzati;

3. Tordna l-hlas tad-danni hekk likwidati bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li gew ingunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mir-rikorrent.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma li biha esponiet:

1. Illi *ai termini* tad-disposizzjonijiet tar-regolament 1.3 tar-Raba' Skeda tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal ta' l-Arbitragg ghandu gurisdizzjoni esklussiva jittratta kull tilwima marbuta mas-servizzi ta’ l-ilma;

2. Illi ghaldaqstant u bid-dovut rispett lejn din il-Qorti, din il-Qorti ma ghandiex gurisdizzjoni tisma’ din il-vertenza;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur naqas milli josserva d-disposizzjonijiet ta’ l-artikolu 156(1)(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fir-rikors promotur;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Korporazzjoni ma hijiex il-legittimu kuntradittur u dana *stante* li x-xogholijiet fi Triq Sant’Anna, Mellieha ma gewx esegwiti mill-Korporazzjoni intimata imma mill-intimat l-iehor is-socjeta` Dimbros Limited, u ghaldaqstant il-Korporazzjoni intimata ghandha tigi ezonerata minn kull responsabilita`;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u *ai termini* ta’ *letter of acceptance* datata 17 ta' Settembru 2008, is-socjeta` Dimbros Limited dahlet fl-obbligu li tiggarantixxi x-xoghol esegwit minnha ghall-perjodu ta’ sentejn, u b’mod partikolari din il-garanzija tkopri kwalunkwe hsarat ikkagunati lill-proprjeta` ta' terzi, ghal

liema hsarat l-imsemmija socjeta` ntrabtet li taghmel tajjeb;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Korporazzjoni intimata insistiet mal-intimata socjeta` Dimbros Limited sabiex taghmel tajjeb ghal dawn id-danni, u sahansitra l-Korporazzjoni intimata hija nfurmata li l-istess socjeta` ghamlet *claim* mal-kumpanija ta' l-assikurazzjoni taghha ghal dan il-ghan;

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tal-*quantum*, l-attur naqas milli jissostanzja t-talba tieghu maghmula *ai termini* ta' ittra mibghuta lill-intimati fil-15 ta' Novembru, 2008 u dana minkejja li huwa hekk gie mitlub jaghmel skond ittra mibghuta mill-Korporazzjoni intimata fis-26 ta' Frar, 2009;

8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Korporazzjoni intimata ghamlet talba dwar dan il-kaz lis-socjeta` ta' l-assikurazzjoni taghha, u cioe` Middlesea Insurance p.l.c., u ghaldaqstant ir-rikors maghmul mill-attur ghandu jigi indirizzat ukoll lill-istess socjeta` Middlesea Insurance p.l.c.;

9. Illi l-Korporazzjoni intimata issottomettiet illi hija mxiet korrettament u *ai termini* tal-ligi, u dan anki fil-parametri tal-artikolu 21(2) tal-Kap. 355 tal-Ligijiet ta' Malta, u hekk agixxiet bhala *bonus paterfamilias* kif jista' jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

10. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, il-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma, talbet li din il-Qorti joghgobha tichad it-talbiet ta' l-attur bhala infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt, bl-ispejjez kontra l-istess attur.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-Korporazzjoni intimata.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat li Dimbros Limited debitament notifikata skond il-ligi ma pprezentat ebda risposta u ghalhekk baqghet komtumaci.

Gie prezentat affidavit ta’ Manwel Fava fejn semma li hu l-proprjetarju tal-hanut *Fairways Rent-a-car* li jinsab fi triq taht Sant’Anna, Mellieha. Qal li matul ix-xahar t’Ottubru 2008 kienu qed isiru xogholijiet gewwa Triq Sant’Anna mill-intimati *Water Services Corporation* u *Dimbros Ltd.* liema xogholijiet primarjament kienu jikkonsistu fi thaffir fl-istess triq fejn saru kanali bit-*trencher* jahdem ezattament fuq in-naha ta’ wara tal-hanut tieghu. Meta kienu qed isiru dawn ix-xogholijiet u nizlet hafna xita, dahal hafna ilma fil-hanut tieghu u sahansitra l-ilma beda jiskula ghal gewwa u jcarcar minn taht is-saqaf tal-hitan ta’ wara u fuq in-naha tal-lemin tal-hanut fejn per konsegwenza l-armar u l-merkanzija tal-hanut, kwantita` kbira xxarrbet u saret hsara kbira. Inkluz ma’ dawn saret hsara fuq it-televixin, l-arlogg tad-dawl u tubi tas-soqfa.

Illi l-ilma baqa’ diehel anke granet wara u baqa’ jidhol gewwa kull darba li taghmel ix-xita minhabba li x-xogholijiet damu ma gewx konkluzi. Semma li l-Perit Charmaine Cutajar tal-*Water Services Corporation* kienet weghditu li kienu ser jirrangawlu kollox imma effettivament dawn ix-xogholijiet qatt ma saru. Specifika li d-danni konsegwenzjali kienu hsara ta’ umidita` fil-hitan tad-dawra, hsara fis-sistema ta’ l-elettriku, hsara fl-ixkaffar u armar tal-hanut, hsara fil-merca li kien hemm fil-hanut, kif ukoll minhabba dan kollu l-hanut tieghu kellu jkun wieqaf ghaldiversi xhur sat-23 ta’ Marzu, 2009 meta gie moghti lura l-arlogg tad-dawl u ilma u b’hekk seta’ jerga’ jiftah in-

negozju. Kien hemm ukoll hsara fix-xoghol ta’ sigillar u *water proofing* tal-hanut.

Ix-xogholijiet saru taht is-supervizjoni tal-Perit Ronald Muscat Azzopardi u pprezenta kopja tar-rapport tal-hsarat.

Hallas elf sebgha mija erbgha u disghin Ewro u hamsa u sittin centezmu (€1,749.65) spejjez sabiex jirranga t-Triq ta’ fuq mal-hanut inkluz il-*membrane* (li ta’ dawn annetta r-ricevuti taghhom) imbaghad hemm madwar sebat elef erba’ mija u erbgha u sebghin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€7,474.81) konsistenti fil-merca li thassret li fuqha diga thallset il-VAT u n-nuqqas tal-uzu ta’ l-imsemmi hanut u dan sakemm gie moghti l-arlogg tad-dawl u ilma.

Gie prezentat affidavit tal-Perit Arkitett Charmaine Cutajar li tahdem mal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma u kienet il-perit inkarigat milli tissorvelja x-xoghol ta’ tqeghid ta’ *main* ta’ l-ilma gewwa Triq Sant’ Anna u Triq Parrocca, Mellieha.

Sostniet li l-Kunsill Lokali kienu gibdulha l-attenzjoni li kien sejjer ikollhom l-problemi mas-sur Fava u dana ghaliex il-Kunsill stess kien diga kellu diversi problemi mieghu minhabba li huwa kien ilu jilmenta li kien qieghed jidhollu l-ilma tax-xita fil-hanut tieghu ghax it-triq ta’ wara l-hanut tieghu ma kenitx iffurmata tajba u kien ilu jaghmel hafna pressjoni fuq il-Kunsill biex ihallsuh ghad-danni u jaghmlulu xoghol rimedjali biex ma jidhollux ilma fil-hanut. (Il-Qorti tinnota li pero` ma giex prodott ir-rapprezentant tal-Kunsill Lokali li qal dawn l-affarijiet u li fl-affidavit hemm *detto del detto*).

Semmiet li l-kuntrattur ma hadimx ezattament mal-hajt ta’ wara tal-hanut tas-Sur Fava ghax kienet inzammet certu distanza mill-fond tieghu, tal-anqas kien hemm distanza tal-wisa tal-bankina u kif ukoll parti mill-wisa tat-triq. Ghalhekk huwa fl-impossibilita` li qatt setghat saret xi hsara fix-xoghol ta’ sigillar u *water proofing* tal-hanut tas-

Sur Fava. Hi kienet accediet fuq il-post u ma rat ebda hsarat.

Cahdet li hi qatt qalet lill-attur li l-Korporazzjoni kienet ser taghmel tajjeb ghall-hsara. Kienet biss qaltlu li ser taghmel rapport. U anke nfurmat lil Dimbros.

Sostniet li l-hanut ta' l-attur jiehu d-dawl minn faccata u ghalhekk ma setax ikollu hsarat fis-sistema ta' l-elettriku. Sostniet li dwar is-servizz ta' l-ilma dan jghaddi minn quddiem il-hanut u mhux minn wara u ma saret l-ebda hsara fis-servizz tal-hanut. Ix-xoghol tlesta fi zmien xaharejn u cioe` sad-19 ta' Dicembru, 2008. Wara li tlestew ix-xogholijiet kien anke sar *pressure test* u ma nstabu ebda *leakages*.

Semmiet ukoll li dan ix-xoghol kien inghata mill-Korporazzjoni lill-kuntrattur *Dimbros Limited* skond *letter of acceptance* datata 17 ta' Settembru, 2008 u esebiet kopja taghha. Din il-*letter of acceptance* tghid li l-kuntrattur kellu jiggarantixxi *"any damages to ... third party property and other underground services"* u bl-istess mod kienet tobbligah li jaghmel polza ta' l-assikurazzjoni biex tkopri l-istess. In virtu` ta' l-ittra ta' accettazzjoni mahruga lilu, il-kuntrattur kellu l-mansjoni li jaghmel tajjeb ghal kwalsiasi danni minnu kawzati lill-terzi (dan skond kif hemm f'punt L tat-tieni pagna ta' l-istess Dok. CC2).

Gie prezentat affidavit tal-Perit Arkitett Stephen Farrugia, il-perit ingaggat minn *Dimbros Limited* responsabbli mix-xoghol ta' tqeghid ta' *main* ta' l-ilma fi Triq Sant' Anna u Triq Parrocca, gewwa l-Mellieha. Semma li l-attur kien ghamel ilment mal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma fejn kien allega li sofra xi danni minhabba perkolazzjoni ta' l-ilma ghal gewwa l-proprjeta` tieghu. Ghalhekk kien investiga dan ir-rapport minnufih u sab li kien iccaqlaq servizz zghir u l-*connection* ta' l-ilma kienet tidher misjura. Zied li l-perkolazzjoni li setghet saret minn dan is-servizz kien wiehed minimu u mhux tali li jwassal ghad-danni li allegatament sofra s-Sur Fava. Barra minn hekk jidher ukoll li l-hanut tas-Sur Fava, li jinsab taht l-art, ma kellux protezzjoni adegwata ta' *membrane*.

Intant, ix-xoghol relattiv ma kienx ha trapass kbir ta' zmien biex jitlesta u x-xoghol kollu sar skont kif tirrikjedi s-sengha u l-arti. Qal li kienu ttiehdu l-prekawzjonijiet kollha u nzammu d-distanzi skond is-sengha. Matul dan ix-xoghol, il-kuntrattur ma kien iltaqa' mal-ebda sigillar u *water proofing* tal-hanut tas-Sur Fava. Il-kuntrattur lanqas ma kien iltaqa' ma' xi servizzi ohra, inkluz tad-dawl li s-Sur Fava qieghed jallega li tqaccatlu. Hu qatt ma gie nfurmat b'xi rapport jew ilment mill-Korporazzjoni Enemalta ghal dan il-ghan. Jirrizulta li l-Korporazzjoni Enemalta qatt ma accediet fuq il-post u ma saret l-ebda talba ghal kumpens da parti taghha u lanqas ma sar rapport mal-pulizija tal-lokal.

## D. KUNSIDERAZZJONIJIET:

***D1. Fatti fil-qosor:***

Illi r-rikorrent, bhala proprjetarju tal-fond Fairways Rent-a-Car li jinsab fi Triq Sant'Anna Mellieha talab lill-Qorti tiddikjara lill-intimati jew min minnhom responsabbli ghad-danni kawzati fil-hanut Fairway Rent-a-Car, (2) tillikwida d-danni hekk sofferti mir-rikorrenti li jinkludu kemm hsarat strutturali u fis-sistemi kollha ta' l-elettriku u mobbli, kif ukoll danni tan-nuqqas u uzu ta' l-istess hanut minhabba d-danni kawzati, u (3) tordna l-hlas tad-danni hekk likwidati bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tar-rikors. Illi rrizulta li xogholijiet saru mill-Water Services Corporation li qabbdet lid-ditta Dimbros Limited biex teffettwa l-istess xogholijiet li parti minnhom saru hdejn il-hanut tar-rikorrent. Id-ditta Dimbros Limited baqghet kontumaci u x-xhud il-Perit Charmaine Cutajar tal-Water Services Corporation indikat li r-responsabbilta` hija assunta mid-ditta Dimbros Limited dwar ix-xogholijiet. Ghalhekk il-Qorti trid tezamina l-eccezzjonijiet sollevati mill-Water Services Corporation u tara jekk hemmx talba gustifikata tar-rikorrent ghal danni.

***D2. L-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet:***

Il-Water Services Corporation ecceppiet: (1) illi *ai termini* tad-disposizzjonijiet tar-regolament 1.3 tar-Raba' Skeda tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal ta' l-Arbitragg

ghandu gurisdizzjoni esklussiva jittratta kull tilwima marbuta mas-servizzi-ta’ l-ilma; u (2) illi ghaldaqstant u bid-dovut rispett lejn din il-Qorti, din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni tisma’ din il-vertenza;

Illi r-regolament 1.3 tar-Raba’ Skeda jaqra:
"...u kull tilwima marbuta mas-servizzi ta’ l-ilma, bla hsara, fejn dan japplika, ghad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 466 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, ghad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Enemalta u l-Att dwar il-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma, u ghad-disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Provvista ta’ l-Elettriku w ir-Regolamenti dwar il-Fornitura ta’ Ilma:

Izda l-konsumaturi jkollhom jedd jipprezentaw it-talbiet taghhom kontra l-Korporazzjoni EneMalta jew il-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma, kif ikun il-kaz, skond il-procedura stabbilita b’dan l-Att:

Izda wkoll, minkejja d-disposizzjonijiet ta’ kull ligi ohra u minghajr pregudizzju ghal kull kawza pendenti, it-Tribunal ta’ l-Arbitragg ikollu gurisdizzjoni esklusiva li jittratta dawn il-kazijiet.”

A bazi ta’ dan, il-Korporazzjoni sostniet li x-xogholijiet jaqghu:
“fl-ambitu ta’ “kull tilwima marbuta mas-servizzi ta’ l-ilma”. Tant illi *ai termini* tal-artikolu 3(3)(a) tal-Att dwar il-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta’ l-Ilma (Kap. 355 tal-Ligijiet ta' Malta) huwa fid-dmir tal-Korporazzjoni esponenti li “tizviluppa, izzomm u tippromwovi sistema tajba u efficjenti ghal produzzjoni u distribuzzjoni ta' l-ilma biex tlahhaq mal-htigijiet kollha ragonevoli...” u dana sabiex hija taqdi l-funzjonijiet u d-dmirijiet taghha skond l-istess Att. ...”

Kien ghalhekk li giet sollevata l-ewwel eccezzjoni fejn il-Korporazzjoni qed issostni li l-proceduri odjerni kellhom isiru b’arbitragg.

Izda l-Qorti ma taqbilx ma’ din l-eccezzjoni ghax fil-fatt ir-rikors promotur ma jaghmel l-ebda referenza u lanqas ma

jorbot it-talbiet tieghu ma’ xi dispozizzjoni tal-Kap 355, izda qieghed jaghmel kawza ghad-danni kif inhu solitu li ssir fil-Prim’Awla tal-Qorti Civili sabiex jigi stabbilit jekk jirrizultawx danni u ta’ min tkun ir-responsabbilta` u jigu kwantifikati d-danni mitluba. Infatti r-rikorrent ma talab ebda servizz ta’ ilma izda danni kawza ta’ l-agir ta’ l-intimati. Possibbilment tali arbitragg jista’ japplika ghal proceduri bejn l-intimati izda mhux ghal persuna li titlob il-kundanna ghal danni ta’ l-intimati. Ghalhekk tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjoni.

***<u>D3. It-tielet eccezzjoni:</u>***

It-tielet eccezzjoni tal-Korporazzjoni intimata hija fis-sens li r-rikorrent naqas milli josserva d-disposizzjonijiet tal-artikolu 156(1)(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rikors promotur. Dan jghid li rikors guramentat ghandu jkun fih:
“... (a) dikjarazzjoni li tfisser b’mod car u sewwa l-oggett tal-kawza f’paragrafi numerati separatament, sabiex isahhah it-talba tieghu u jiddikjara wkoll Iiema fatti huwa jaf bihom personalment.”

A bazi ta’ dan il-Korporazzjoni sostniet li r-rikorrent ma osservax din id-disposizzjoni tal-ligi tant li r-rikors prezentat minnu jonqos milli jelenka d-dikjarazzjoni tieghu f’paragrafi numerati separatament u kif ukoll huwa nieqes mid-dikjarazzjoni tal-fatti li huwa jaf bihom. Ziedet li tali ommissjoni ggib maghha n-nullita` tar-rikors promotur.

Jirrizulta lill-Qorti li r-rikors promotur huwa konfermat bil-gurament mir-rikorrent li ghalhekk hemm id-dikjarazzjoni rikjesta mil-ligi. Fl-istess dikjarazzjoni r-rikorrent qieghed jaghmel asserzjoni fuq il-fatti li huwa jaf bihom personalment. Il-fatt li l-paragrafi ma humiex enumerati separatament certament ma jwassalx ghal xi nullita` u kieku l-Qorti kellha tapplika din ir-regola tasal biex tiddikjara tliet kwarti tar-rikorsi guramentati bhala nulli.

Din il-Qorti sejra tikkwota minn sentenza taghha stess kif presjeduta, fl-ismijiet **Bartholomeo Bonett *et* vs Mario Borg**, moghtija fil-15 ta’ Ottubru, 2008 (Rikors Numru 515/07FS) fejn inghad:

"Illi b'din il-kawza r-rikorrenti qed jitolbu li tinghalaq l-apertura fil-hajt divizorju li jifred il-proprjetajiet rispettivi tal-partijiet. Illi ghal din l-azzjoni, il-konvenuti laqghu billi fost eccezzjonijiet ohrajn, eccepew li l-azzjoni odjerna hija nulla u irrita stante li r-rikorrenti naqsu milli jitolbu lill-Qorti tiddikjara li l-apertura mertu ta' din il-kawza hija fil-fatt mibnija kontra l-ligi, u ghalhekk il-Qorti ma tistax tikkundanna lill-intimat sabiex jaghlaq l-apertura qabel ma' l-Qorti tiddikjara li l-apertura in kwistjoni saret bi vjolazzjoni tal-ligi. Illi din is-sentenza ser tittratta limitament din l-eccezzjoni.

Jibda biex jinghad li l-artikolu 156(1) tal-Kap 12 ifisser l-elementi essenzjali li ghandhom jikkostitwixxu l-att tac-citazzjoni.
"Ic-citazzjoni ghandha titlesta mill-attur u ghandu jkun fiha:
(a) tifsir car u sewwa ta' l-oggett u r-raguni tat-talba
(b) it-talba jew it-talbiet li ghandhom ikunu numerati."

Indiskutibbilment, il-Qorti ghandha meta tista', li zzomm hajja citazzjoni, ikun ferm ahjar milli jigu dikjarati nulli citazzjonijiet biex wara jigu intavolati citazzjonijiet ohra. Ukoll, illi hemm il-kuncett li formalizmi zejda ma ghandhomx jigu wzati. Fl-istess hin, idealment, l-att gudizzjarju ghandu jkun car u preciz kemm jista' jkun. Ghalhekk, jinkombi fuq il-Qorti li f'kazijiet ta' din in-natura tanalizza n-natura ta' l-inkorrettezzi fic-citazzjoni u jekk dawn humiex ta' natura gravi.

Ic-citazzjoni ghandu jkun fiha mfissrin car u sewwa l-oggett u r-raguni tat-talba taht piena ta' nullita` fin-nuqqas. (Ara **Giuseppe di T Demajo vs Eduardo Camilleri** Prim' Awla deciza fl-24 ta' Dicembru 1911, u **Emma Scicluna vs Mary Xuereb *et*,** Appell deciz fit-22 ta' Mejju 1967). Izda, ta' min ighid li tali disposizzjoni tal-ligi rceviet fil-gurisprudenza interpretazzjoni larga, fis-sens li ma giex adottat ir-rigur li donnhom ifissru l-kliem tal-ligi.

F'diversi kazijiet naraw din l-interpretazzjoni tal-Qrati. Fil-kawza **Marianna Muscat vs Dr. Joseph Cassar** deciza mill-Prim'Awla fid-9 ta' Marzu 1965, intqal li citazzjoni

m'ghandhiex tigi ritenuta nulla hlief ghal ragunijiet gravi. Permezz ta' dan il-kaz giet applikata t-teorija ta' l-ekwipollenti li nisslet il-principju li mhix mehtiega ebda ghamla espressa ghall-proposizzjoni ta' l-azzjoni.

Illi dwar l-element ta' kjarezza fl-att tac-citazzjoni, il-ligi ma tinsistix fuq formola preciza jew kliem partikolari, u sakemm it-talba tkun tista' tinftiehem, ma jimpurtax jekk il-kawzali tkunx imfissra b'mod xott jew tista' tigi mifhuma jew implikata mit-talba nnifisha. Dan gie enuncjat fil-kawza **Av. Dr. Carlo Moore *noe* vs C. Falzon *et*** deciza mill-Prim'Awla fil-15 ta' Dicembru 1995.

L-istess inghad fis-sentenza tal-Appell Kummercjali fl-ismijiet **Carmelo Bonnici vs Eucharistic Zammit *noe*** ta' l-20 ta' Jannar 1986:
"Illi l-artikolu 156(1) jipprovdi li l-oggett u r-raguni tat-talba gudizzjarja ghandhom ikunu mfissra car u sewwa fic-citazzjoni. Dan ma jfissirx pero` li kwalunkwe nuqqas da parte ta' l-attur ghandu mill-ewwel jigi mehud fis-sens li qed imur kontra d-dispost tal-Artikolu 155(1) (illum 156(1) tal-Kap 12), u ghalhekk igib mieghu n-nullita` tac-citazzjoni. Infatti biex citazzjoni tigi mwaqqfa, jrid ikun hemm raguni gravi, u fost kollox, ghandu jigi ezaminat jekk ic-citazzjoni tkunx defugenti jew zbaljata b'mod li l-konvenut ikun jista' jigi pregudikat fid-difiza tieghu. Dan apparti li c-citazzjoni ghandha tigi ezaminata fit-totalita` taghha u mhux spezzettata."

Gie ritenut ukoll fil-kawza **Jos. G. Coleiro vs Dr. Joseph Ellul** deciza mill-Prim'Awla fl-14 ta' Frar 1967, li biex att ta' citazzjoni jghaddi mill-prova tal-validita` huwa bizzejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta' min harrikha.

Biex twassal ghan-nullita` ta' atti gudizzjarji hemm bzonn li tali nuqqas ikun li ma jistax jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta' gustizzja procedurali. (Ara Appell Civili Superjuri **Ellul E. vs Agnese Gera de Petri**, 21 ta' April 1995). Difett procedurali ma jgibx in-nullita` tal-att jekk il-parti l-ohra ma tbatix xi pregudizzju serju. (Ara **Attard Michael vs Raymond Galea** Appell Civili Superjuri 12 ta'

Mejju 1998). Biex tigi dikjarata nulla citazzjoni u jitwaqqaf il-kors taghha jinhtieg li jkunu jikkonformu ragunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta' evidenti pregudizzju ghad-difiza tal-konvenut. (Ara **Francis xavier sive Mose` Aquilina vs Carmela sive Lina Aquilina** Appell Civili Superjuri 21 ta' Marzu 1988).

Gie deciz ukoll fis-7 ta' Marzu 1955 (Vol. XXXIX.II.597) illi ghalkemm fic-citazzjoni l-kawzali tkun dedotta b'mod lakoniku,
"ic-citazzjoni ma tkunx nulla jekk il-kawzali tkun imfissra tajjeb u sakemm ma tkunx difettuza talment li minhabba f'hekk il-konvneut, jigi pregudikat, ghaliex ma jkunx jista' jiddefendi ruhu……" …

Kif inghad fil-kawza **Emma Scicluna vs Mary Xuereb et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Mejju 1967:
"Sintendi f'citazzjoni mhemmx bzonn li jigu wzati formoli sagramentali biex tifisser il-kawzali. Imma hu necessarju li jkun jirrizulta rapport ta' konnessjoni ragonevolment identifikabbli bejn il-premessi migjubin bhala l-kawza tat-talba u t-talba stess kif diretta kontra l-konvenut."

Huwa maghruf u assolut li, "l-atti ghandhom jigu salvati anzi che annullati jew dikjarati nulli." (Ara **Malta Development Corporation vs Paul Licari** deciza mill-Prim'Awla fit-22 ta' April 2004, **Charles Fino vs Alfred Fabri noe** Appell tat-28 ta' Frar 1997, **Maurizio Urso vs Fr. Charles Cini**, deciza mill-Prim'Awla fid-19 ta' Jannar 1999). Mill-atti, hemm elementi sufficjenti biex il-konvenuti, anke minn semplici qari ta' l-att tac-citazzjoni, jindunaw mill-ewwel il-kawzali li fuqha r-rikorrenti qeghdin jibbazaw l-azzjoni taghhom, u cjoe` t-talba biex tinghalaq l-apertura fil-hajt divizorju…

Hawnhekk, ta' min isemmi li huwa insenjament pacifiku li d-dikjarazzjonijiet li talvolta jkunu mehtiega biex l-attur jasal ghal xi wahda mid-domandi tieghu, m'hemmx bzonn li jsiru fic-citazzjoni taht forma ta' domandi." (Ara **Joseph Gasan vs Farmacista Nicola Spiteri**, Appell Kummercjali tat-28 ta' Gunju 1948, u **Gloria Beacom et vs A.I.C. Anthony Spiteri Staines**, Appell deciz fil-5 ta' Ottubru

1998, u **Joseph Mifsud et vs Paul Cutajar et** deciza fit-13 ta' Gunju 2008 mill-Qorti ta' l-Appell Inferjuri.

F'dan il-kuntest, ta' min isemmi wkoll li l-Qorti tara analogija f'dan il-kaz ma' dak fejn il-Qorti kienet mitluba tilqa' talba ghal zgumbrament minghajr talba li l-konvenut kien qed jokkupa l-fond bla titolu. Hekk kif inghad fil-kaz **Dottor George Vassallo et vs Julian Sammut,** Appell deciz fit-12 ta' Marzu 1990;
"..Il-Qorti ma tarax li kien necessarju ghall-atturi li jaghmlu talba *ad hoc* fic-citazzjoni ghal dikjarazzjoni li l-konvenut qed jokkupa l-fond bla titolu billi din il-kwistjoni hi implicita fl-imsemmija talba ghall-izgumbrament."

Dan fil-fatt, gie konfermat fil-kaz **Cassar Carmelo vs Zammit Victor**, Appell Civili Inferjuri datat 23 ta' Gunju 2004:
"Kif pacifikament akkolt, id-dikjarazzjonijiet li talvolta jkunu mehtiega biex l-attur jasal ghal xi wahda mid-domandi tieghu m'hemmx bzonn li jsiru fic-citazzjoni taht forma ta' domandi."

"Hu maghruf u anke accettat in linea ta' principju generali, illi n-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jigu dezunti mit-termini tal-att li bih jinbdew il-proceduri. Hi wkoll regola procedurali, sotenuta mill-gurisprudenza li l-kawzali tad-domanda ossija, ir-raguni guridika tat-talba, *oltre* li ghandha tigi mfissra cara u sewwa, ma tistax tigi mibdula jew aggunta u l-Qorti ghandha toqghod ghat-talba kif tkun giet imfissra fl-att tac-citazzjoni. Dan b'mod li l-Qorti ma tistax tiddeciedi fuq xi dritt iehor li jkun jirrizulta, anke ghaliex kif ritenut, 'mhux lecitu li l-kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espressa fic-citazzjoni." …

Ghalhekk jista' jinghad li l-importanti huwa li:
- ❖ ic-citazzjoni jkun fiha tifsira cara u sewwa ta' l-oggett u r-raguni tat-talba taht piena ta' nullita` fin-nuqqas;
- ❖ it-talbiet ikunu enumerati;
- ❖ ma hemm ebda forma sagramentali kif jitfissru l-kawzali;

- ❖ formalizmu zejjed ghandu jigi evitat;
- ❖ citazzjoni m'ghandhiex tigi ritenuta nulla hlief ghal ragunijiet gravi;
- ❖ ma jimpurtax jekk il-kawzali tkun imfissra b'mod xott, basta tkun tinftiehem b'mod car;
- ❖ biex citazzjoni titqies valida hu essenzjali li konvenut ma jigix pregudikat fid-difiza tieghu. Irid ikun car fuq xiex qed tigi ibbazata l-kawza;
- ❖ il-Qorti ghandha tara jekk tistax izzomm hajja citazzjoni;…"

Meta wiehed iqis dawn il-principji hawn fuq elenkati johrog car li l-elementi essenzjali huma kollha prezenti u ghalhekk tichad it-tielet eccezzjoni.

***<u>D4. Ir-raba' eccezzjoni:</u>***

Hawnhekk inghatat l-eccezzjoni li l-Korporazzjoni mhux il-legittimu kontradittur ghax ix-xogholijiet saru minn Dimbros Limited. Kien fuq dan il-bazi li l-Korporazzjoni sostniet li ghandha tigi ezonerata minn kull responsabbilta`.

Ikkunsidrat li hemm differenza kbira bejn li l-Korporazzjoni mhix il-legittimu kontradittur ghal jekk il-Korporazzjoni ghandhiex tkun ezonerata minn kull responsabbilta`. Fil-fatt wiehed irid jezamina jekk il-Korporazzjoni kellhiex x'taqsam max-xogohlijiet jew le ghax ma kenitx tkun il-legittimu kontradittur li kieku ma kellhiex x'taqsam max-xogholijiet, izda kien hemm xi entita` ohra responsabbli. Fil-kaz in ezami d-decizjoni li jsiru x-xogholijiet ittiehdet mill-Korporazzjoni u ghalhekk certament li tali eccezzjoni ma tistax tigi milqugha.

Infatti l-argument tal-Korporazzjoni li jekk jirrizultaw danni dawn huma responsabbilta` ta' l-intimata l-ohra Dimbros Limited ma jwassalx ghall-istess konkluzjoni li l-Korporazzjoni mhux il-legittimu kontradittur izda li l-Korporazzjoni mhux responsabbli ghall-hsarat. Infatti l-Perit Charmaine Cutajar ikkwotat mil-*letter of acceptance* datata 17 ta' Settembru, 2008 u esebiet kopja taghha.

Din il-*letter of acceptance* tghid li l-kuntrattur kellu jiggarantixxi *"any damages to ... third party property and other underground services"* u bl-istess mod kienet tobbligah li jaghmel polza ta' l-assikurazzjoni biex tkopri l-istess. In virtu` ta'l-ittra ta' accettazzjoni mahruga lilu, il-kuntrattur kellu l-mansjoni li jaghmel tajjeb ghal kwalsiasi danni minnu kawzati lill-terzi (dan skond kif hemm f'punt L tat-tieni pagna ta' l-istess Dok. CC2).

Dan ukoll huwa bazat fuq il-Kap 16 art 1031. Inoltre il-Korporazzjoni intimata taghmel referenza ghad-dmir ta' l-appaltatur u infatti sostniet li:
"Illi *in oltre* hu dmir ta' l-appaltatur skond il-principji generali tad-dritt in materja li dan ghandu jassikura li x-xoghol lilu kommess ikun ser isir utilment u mhux b'mod li 'l quddiem juri ditetti. B'obbligu primarju jibqa' dejjem li "l-appaltatur hu obbligat jezegwixxi l-opra miftehma skond is-sengha" (Kollez. Vol. XLI P II p 892). Dan fis-sens li "*l'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli secondo i dettami dell'arte suo, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria*" (Kollez. Vol XXVII P I p 374);

Illi gie deciz ukoll illi "l-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina tax-xoghol..." (Kollez. Vol. XXXVII PIll p 883);

Illi l-istess gie deciz fil-kawza fl-ismijiet **Raphael Micallef vs Anthony Agius** (Cit. Numru. 1003/1989/2) fid-9 ta' Gunju, 2004, fejn din l-Onorabbli Oorti kif diversament preseduta rriteniet li: "Fid-dawl ta' din il-gurisprudenza prevalenti l-appaltatur huwa meqjus fi htija ghax-xogholijiet ezegwiti mhux skond l-arti u s-sengha, jekk jinstabu vizzji u difetti f'dawn l-istess xogholijiet. Vizzji li hu seta' nduna bihom jew kellu, dejjem in bazi ghar-regoli ta' l-arti, jintebah bihom."

Ghalhekk il-Qorti tichad ir-raba' eccezzjoni riferibbli ghal li l-Korporazzjoni mhux il-legittimu kontradittur filwaqt li ikkonkludiet li jekk tirrizulta responsabbilta` ghall-hsarat dan ghandu jkun a karigu ta' Dimbros Limited.

***D5. Il-hames eccezzjoni:***
Illi l-Korporazzjoni intimata eccepiet li Dimbros Limited dahlet fl-obbligu li tiggarantixxi x-xoghol esegwit minnha ghall-perjodu ta' sentejn, u b'mod partikolari din il-garanzija tkopri kwalunkwe hsarat ikkagunati lill-proprjeta` ta' terzi, ghal liema hsarat l-imsemmija socjeta` ntrabtet li taghmel tajjeb.

Ikkunsidrat li dwar din l-eccezzjoni ma tantx ghandha x'tikkummenta l-Qorti fis-sens li dak li hu car m'ghandux bzonn ta' interpretazzjoni, u fil-fatt hemm ir-responsabbilta` assunta mis-socjeta` intimata bil-garanzija maghha li tkopri kwalunkwe hsarat ikkagunati lil proprjeta` ta' terzi. Ix-xogholijiet saru f'Settembru 2008 u r-rikors guramentat gie intavolat fis-26 ta' Frar, 2009 u ghalhekk *entro* t-terminu b'mod li r-responsabbilta` jekk tirrizulta, hija tas-socjeta` intimata. Ghalhekk tichad din l-eccezzjoni.

***D6. Is-sitt eccezzjoni:***
Il-Korporazzjoni intimata eccepiet ukoll li l-intimata socjeta` Dimbros Limited accettat li taghmel tajjeb ghal dawn id-danni, u sahansitra l-Korporazzjoni intimata hija nfurmata li l-istess socjeta` ghamlet *claim* mal-kumpanija ta' l-assikurazzjoni taghha ghal dan il-ghan.

Din mhix eccezzjoni tant fuq il-mertu izda tikkonferma dak li ntqal fuq, specjalment fir-raba' u l-hames eccezzjoni dwar ir-responsabbilta` ta' Dimbros Limited. Ghalhekk tichad ukoll din l-eccezzjoni.

***D7. Responsabbilta` ghal danni:***
L-ewwel li ghandu jigi stabbilit huwa ta' min kienet ir-responsabbilta` ta' dak li gara. Fl-affidavit tieghu r-rikorrent jghid li:
"niftakar li matul ix-xahar t'Ottubru 2008 kienu qed isiru xogholijiet gewwa Triq Sant'Anna mill-intimati Water Services Corporation u Dimbros Ltd. liema xogholijiet primarjament kienu jikkonsistu thaffir fl-istess triq fejn saru l-kanali bit-*trencher* jahdem ezattament fuq in-naha ta' wara tal-hanut tieghi. Meta kienu qed isiru dawn ix-

xogholijiet u nizlet hafna xita, dahal ilma fil-hanut tieghi u sahansitra l-ilma beda jiskula ghal gewwa u jcarcar minn taht is-saqaf tal-hitan ta' wara u fuq in-naha tal-lemin tal-hanut fejn per konsegwenza l-armar u l-merkanzija tal-hanut, kwantita` kbira ixxarbet u saret hsara kbira. Inkluz ma' dawn saret hsara fuq it-*television*, l-arlogg tad-dawl u tubi tas-soqfa. Illi l-ilma baqa' diehel anke granet wara u baqa' jidhol gewwa kull darba li taghmel ix-xita minhabba li x-xogholijiet damu ma gewx konkluzi...... Hsara kienet barra ta' umdita` fil-hitan tad-dawra, hsara fis-sistema ta' l-elettriku, hsara fl-ixkaffar u armar tal-hanut, hsara fil-merca li kien hemm fil-hanut, kif ukoll minhabba dan kollu l-hanut tieghi kellu jkun wieqaf ghal-diversi xhur sat-23 ta' Marzu 2009 meta gejt moghti lura l-arlogg tad-dawl u ilma u b'hekk stajt nerga' niftah in-negozju. Kien hemm ukoll hsara ta' sigillar u *water proofing* tal-hanut."

Jinghad li ma saret ebda kontradizzjoni ta' dan. Anzi rrizulta li dahal hafna ilma ghand ir-rikorrent. Tant kemm hu hekk li l-istess Perit tal-Korporazzjoni meta xehdet semmiet li dak li gara kien kawza tal-fatt li l-hanut ma kienx mghammar b'sigillar u *waterproofing* ghax kieku l-binja tar-rikorrenti ma kenitx issofri minn perkolazzjoni ta' ilma. Fil-kaz in ezami kull ma hemm xhieda tlieta, u cioe` r-rikorrent li ghandu kull interess li jsostni d-danni, u l-Perit tal-Korporazzjoni u l-Perit tas-socjeta` intimata li ghandhom kull interess li jghidu li ma saritx hsara bix-xogholijiet, u hawnhekk hawn ghandna kaz ta' kredibilita` li l-Qorti trid tasal ghaliha. Jinghad li kontro-ezamijiet tax-xhieda ma saritx biex forsi wiehed jistabbilixxi sewwa dak li gara. Ukoll il-Perit Farrugia li darbtejn kellu jitla' l-Qorti, ghal xi raguni jew ohra ma deherx. Il-perkolazzjoni ta' l-ilma rrizultat wara li saru x-xogholijiet. L-istess Perit Cutajar issemmi li rat xi *items* imxarrbin bhal flokkijiet u krakar u li fil-fehma taghha setghu jintmeshu. Il-Qorti ma tahsibx li hanut ghandu jbigh affarijiet godda li kienu xxarrbu. Il-Perit tas-socjeta` Dimbros ma eskludiex li kien hemm hsarat kawza ta' *water penetration* u hemm il-possibbilta` li kawza tal-vibrazzjonijiet minhabba t-*trencher* li saru konsenturi li wasslu ghall-perkolazzjoni. Mill-provi li ghandha quddiemha, il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li

kawza tax-xogholijiet maghmula mill-intimati kien hemm perkolazzjoni ta’ l-ilma.

Huwa interessanti ferm dak li jinghad fin-nota tar-rikorrent a fol 151 tal-process:
“Illi fuq kollox dwar id-danni kawzati kien hemm ammissjoni kongunta mill-intimati fejn kien diga` sar kemm *claim* lill-*insurance* min-naha ta’ l-istess *Water Services Corporation* dwar danni ta’ l-attur rigwardanti *Fairways rent A car* u fejn l-ammont indikat bhala danni jammontaw ghall-Euro 10,511.86 (Euro 5667.30 Red S1A u Euro 4844.56 Red S3) liema dokument huwa wkoll ironikament iffirmat mill-istess Perit Charmaine Cutajar ghall-istess korporazzjoni intimata;”

Dan hu konfermat ukoll mis-sitt u mit-tmien eccezzjoni moghtija fejn jinghad:
“6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Korporazzjoni intimata insistiet mal-intimata socjeta` Dimbros Limited sabiex taghmel tajjeb ghal dawn id-danni, u sahansitra l-Korporazzjoni intimata hija nfurmata li l-istess socjeta' ghamlet *claim* mal-kumpannija ta’ l-assikurazzjoni taghha ghal dan il-ghan;...

8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-Korporazzjoni intimata ghamlet talba dwar dan il-kaz lis-socjeta’ ta' l-assikurazzjoni taghha, u cioe` Middlesea Insurance p.l.c., u ghaldaqstant ir-rikors maghmul mill-attur ghandu jigi indirizzat ukoll lill-istess socjeta` Middlesea Insurance p.l.c.;”

Illi ghalhekk il-Qorti thoss li certament kien hemm responsabbilta` ta’ l-intimati ghal danni li jridu jigu ikkwantifikati hawn taht u ghal liema danni ghalkemm hemm responsabbilta` inizzjali tal-Korporazzjoni intimata, finalment dawn iwasslu ghal responsabbilta` tas-socjeta` intimata li ghalhekk hija responsabbli ghad-danni li ser jigu likwidati.

***<u>D8. Quantum ta’ danni:</u>***
Dan ukoll huwa kontestat mill-Korporazzjoni u peress li kontumacja hija oppozizzjoni, ukoll mis-socjeta` intimata.

Ir-rikorrent fl-affidavit tieghu sostna li hu sofra €1,749.65 spejjez sabiex jirranga l-hsarat inkluz *membrane*, u madwar €7,474.81 konsistenti fil-merca. Sfortunatament l-ammont ta' xogholijiet mhux certifikat ghalkemm hemm xi ricevuti ta' xi partijiet. Bl-istess mod il-fatt li bhala difiza l-Periti Cutajar u Farrugia jsostnu li kienu ngabu l-permessi qabel ma nbdew ix-xogholijiet ma jwassal ghal ebda prova li ma sarux hsarat. Izda r-rikorrent anqas gab provi mid-Dipartiment tal-VAT u jkun hemm il-possibbilta` li jekk thallset din tista' tigi rifuza. Ir-rikorrent ilmenta li kellu jkun wieqaf ghal diversi xhur, sat-23 ta' Marzu, 2009 meta gie moghti l-arlogg tad-dawl u ilma u b'hekk seta' jerga' jiftah in-negozju. Ukoll ir-rikorrent ma gabx prova tad-dhul tieghu dikjarat fl-istess perjodu fis-snin precedenti. Il-Qorti tosserva li ma saret ebda stima ta' xi *surveyor* izda sempliciment lista li giet konfermata mir-rikorrent. Izda l-Qorti thoss li meta l-provi *ormai* huma li huma u li ma sarux stimi ta' *surveyor* fi zmien inizzjali, ikun hafna aktar prattiku li l-Qorti tasal fuq ammonti *arbitrio boni viri*, u filwaqt li qed taccetta fl-intier tieghu l-ammont ta' €1,749.65, dwar l-ammont ta' danni thoss li minn €7,474.81 dan l-ammont ghandu jigi ridott ghal €5,000.

Ir-rikorrenti talab ukoll l-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat, izda peress li l-ammont ma kienx likwidat, dan mhux possibbli [ara **Maria Lourdes Brincat vs Giuseppe Brincat *et*** (Citazz. Nru.: 448/87FS) deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fis-17 ta' Marzu, 2010].

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk wara li cahdet l-eccezzjonijiet kif fuq indikat, tiddikjara lil Dimbros Limited responsabbli ghad-danni kawzati fil-hanut Fairways Rent-a-Car proprjeta` tar-rikorrenti.

Tillikwida d-danni totali sofferti mir-rikorrenti fl-ammont ta' €6,749.65.

Tikkundanna lil Dimbros Limited thallas l-ammont ta' €6,749.65 bhala danni lir-rikorrent.

Spejjez kontra Dimbros Limited hlief dawk relattivi ghall-Korporazzjoni li ghandha tbatihom l-istess Korporazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------